Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 18 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13419/22

LIMITE

CORLX 908
CFSP/PESC 1315
RELEX 1319
MOG 95
CONUN 234
FIN 1055

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/…**

**ta' …**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

[1] ĠU L 365, 19.12.2014, p. 60.

Billi:

(1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014.

(2) Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2140 (2014) żied persuna waħda mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

PUBLIC

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi…,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC

**ANNESS**

…..

______________________________

PUBLIC